**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 11/09 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 10/12/2009 fis-06.40pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Skużata minħabba safar |
| | | Camilleri Claude | Skużat minħabba xogħol |
| | | Darmanin Richard | Assenti |
| | | Fenech Stephanie | Skużata minħabba mard |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**11. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Proponent: Wille Piscopo<br>Sekondant: Hales | **Il-Minuti 10/09 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 10.9.10 | Heading : Wara l-kelma railing tidħol il-kelma "fit-tarag". | | |
| 11. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**11. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2. 1 | 10.2.1 | Sindku: Rapport - Laqgħa ma' Dr Chris Said | Is-Sindku irrapporta l-laqgħa li saret ma' l-Onor Dr Chris Said li qed jipprova jgħin kemm jista' fid-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom il-Kunsill. Il-Kunsill sostna ħafna sabiex isiru l-link roads li huma Triq Bir id-Deheb, Triq il-Labour, Triq Alfred Cachia Zammit u Triq Bormla. Dawn it-toroq jagħtu aċċess għall-kottonera, Airport u Freeport. Jinħtieġ ukoll li ssir Triq President Anton Buttiġieġ sa Triq id-Daħla ta' San Tumas quddiem Ħal Tmiem. Dr Said qal li l-Gvern għandu pjan li joħroġ kuntratt għal 25 sena sabiex jieħu ħsieb dawn it-tip ta' toroq. Fuq suġġeriment ta' Pace, il-Kunsill ser jikteb lill-Perit Edric Micallef dwar il-fond li l-ADT għandha għal toroq li fihom ikun qed jgħaddi traffiku minħabba xogħol f'toroq oħra. Dwar il-Mużew taż-Żejt kif ukoll dwar id-data tan-Notte Bianca Dr Said kellu jkellem lill-Onor Dolores Cristina. | Segretarjat<br>Sindku<br>Pace |
| 11. 2. 2 | 10.2.3 | Sindku: Xogħol ta' drenaġġ fi Triq il-Labour | Is-Sindku qal li x-xogħol għadu għaddej. | Pace |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2. | 3 | 10.2.8 | Sindku: Ġbir ta' Skart | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa l-iskart li qed jidħol i-barriera miż-Żejtun huwa ta' madwar 9 tunellati. Għal kull tunellata skart li tidħol il-barriera trid titħallas tipping fee ta' Eur 20. Is-Sindku fiehem lill-Kunsill li l-ammont ta' skart li qed jidher fuq iż-Żejtun hemm bżonn li jonqos. Fl-2010, il-Greenpak ser tgħaddi informazzjoni lill-poplu Żejtuni dwar il-problema ta' skart fiż-Żejtun. Seychell ippropona li nhar ta' Tlieta għandha tinġabar biss il-borża l-griża filwaqt li Wille Piscopo ipproponiet li l-ġbir ta' skart imħallat isir kull nhar ta' Tnejn, Ħamis u Sibt. Hales ma qabilx u ma ttieħħdet l-ebda deċiżjoni. | Sindku |
| 11. | 2. | 4 | 10.2.9 | Sindku: Taraġ mudlam fl-Iskola Primarja B | Is-Sindku staqsa lis-Segretarjat jekk inkitbitx l-ittra dwar it-taraġ u tapit ta' Skola Primarja B. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Segretarjat |
| 11. | 2. | 5 | 10.3.7 | Sindku: FunWalk mill-Kulleġġ San Tumas More | Is-Sindku staqsa jekk il-pulizija ġewx infurmati dwar l-għeluq ta' toroq għat-traffiku waqt il-fun run li ser issir fit-18 ta' Diċembru bejn in-12.30 u s-2.30pm. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Camillleri |
| 11. | 2. | 6 | 10.6.1 | Sindku: Xogħol fil-garaxx tal-Kunsill | Is-Sindku ta rapport tax-xogħol li qed isir fil-garaxx biex dan isir uffiċini liema xogħol ser ikun lest sa nofs Jannar 2010. Ix-xogħol tal-madum tlesta filwaqt li dil-ġimgħa ser isir ix-xogħol tad-dawl u wara isir is-suffit. | Sindku |
| 11. | 2. | 7 | 10.8.1 | Wille Piscopo: Xiri ta' Toys | Wille Piscopo infurmat lill-Kunsill li x-xiri ta' żurżieqa għal Kindergarten ser issir mingħand it-Toyland peress li l-Kunsill ingħata skont ta' 15%. | Camilleri |
| 11. | 2. | 8 | 10.9.4 | Sindku: Tenders | Is-Sindku staqsa meta ser jinħarġu t-tenders għal bini ta' bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-ewwel isiru l-estimi għas-sena finanzjarja Jannar-Diċembru 2010 imbagħad ikun deċiż jekk il-Kunsill ikollux fondi biżżejjed biex jagħmel xogħol ta' bankini. | Darmanin Pace |
| 11. | 2. | 9 | 10.9.6 | Sindku: Lista ta' Gradwati | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li l-Mcast ma tatx il-lista ta' studenti Żwieten li gradwaw din is-sena għal kuntrarju ta' l-Universita' ta' Malta. Xorta bqajna bla indirizzi tal-gradwati l-ġodda. | Sindku Fenech |
| 11. | 2. | 10 | 10.9.8 | Pace: Triq President A. Buttiġieġ | Pace informa lill-Kunsill li d-Direttur il-ġdid tat-toroq huwa l-Perit Martin Attard Montalto. Dan infurmah li ħarġu t-tenders kollha b'konnessjoni mat-traffic management ta' Triq President Anton Buttiġieġ. Is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex jikteb lid-Direttur il-ġdid dwar Triq Toni Zahra peress li l-ħajt baqa' ma sarx u lanqas l-inżul minn Vjal 25 ta' Novembru. | Darmanin Pace |
| 11. | 2. | 11 | 10.9.16 | Sindku: Wirja tal-Presepji | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-ftuħ tal-wirja tal-presepji li ser issir fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru fil-11am | Viċi-Sindku |

**11. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/09. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 3. 1 | 01 | MEPA:- PA4775/09 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan is-sit jinsab fil-*village core* u għalhekk għandu jinżamm it-*texture* u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 11. 3. 2 | 11 | Fenech: Proġett Arti Żagħżugħa | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-proġett Arti Żagħżugħa ser jagħlaq nhar l-10 ta' Jannar 2010 bi preżentazzjoni fid-Domus Ser issir ukoll wirja ta' arti u fotografija fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. Il-Kunsill huwa mistieden. Il-biljetti ser jinbiegħu għall-prezz ta' Eur2.50. | Fenech |
| 11. 3. 3 | 13 | Istitut Paulo Frere: Quddiesa ta' Radd il-Ħajr | Is-Sindku qara l-istedina ta' l-Istitut Paulo Freire għall-Kunsill għal quddiesa ta' radd il-ħajr f'għeluq l-20 sena mit-twaqqif tagħhom li ser issir nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru fis-6pm | |
| 11. 3. 4 | 14 | Ċentru Ħidma Soċjali: Zebra Crossing fi Triq San girgor | **Dwar it-talba taċ-Ċentru Ħidma Soċjali għal zebra crossing fi Triq San Girgor, wara diskussjoni li għamel il-Kunsill, ġie deċiż li jintalab il-parir ta' l-ADT.** | Segretarjat |

**11. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 11. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 11/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 11. 4. 2 i | 2 | Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar iż-żieda fil-kont tal-bulky refuse. Hales ġibed l-attenzjoni li r-reklam televiżiv tac-civic amenity sites jgħid li hu bi ħlas mentri fil-verita' dan is-servizz hu bla ħlas. Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-media. | | Segretarjat |
| | 41 | Il-flixkun tal-whisky ġie regalat liċ-ċeramista Goddfrey Xuereb li għamel il-logo tal-Kunsill fiċ-ċeramika. | | |
| 11. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 11/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 11. 4. 4 | | Petty Cash Novembru 2009 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq matul Novembru 2009 li kien jammonta ghal €92.74.** | Segretarjat |

**11. 5. Premju Inizjattiva Lokalitajiet Indaf**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 5. 1 | 10.2.2 | Sindku: It-Tieni Post | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Żejtun kiseb it-tieni post fl-inizjattiva għal-Lokalitajiet Indaf liema premju jammonta għal Eur10,000. It-Tielet u R-Raba premju ukoll kienu ta' l-istess valur u intrebħu mill-Kunsill tan-Nadur u l-Isla rispettivament filwaqt li l-ewwel premju mirbuħ mill-Kunsill tal-Mellieħa kien ta' Eur30,000. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

**11. 6. Fondi Speċjali - Ċentru Ħarsien tat-Tfal**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li ser jibbenifika minn Eur40,000 ta' fondi speċjali hekk kif il-proġett li ssottometta l-Kunsill għat-tlestija ta' Ċentru Ħarsien tat-Tfal ġie approvat. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

**11. 7. Ikla tal-Milied**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 7. 1 | | Sindku: | Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jissuġerixxu post għall-ikla tal-Milied li ser issir nhar it-30 ta' Jannar 2010. Pace issuġerixxa Radisson Golden Sands,Wille Piscopo issuġġeriet Tarragon, San Pawl il-Baħar u Seychell issuġerixxa l-Excelsior peress li s-sena l-oħra kienet tajba. **Il-Kunsill qabel li jġib kwotazzjonijiet mingħand ir-Radisson Golden Sands u l-Excelsior, Valletta. Ġie deċiż ukoll li jinkera servizz ta' minibus.** | Segretarjat |

**11. 8. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 11. 8. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | |

**11. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 9. 1 | | Sindku: Allokazzjoni Finanzjarja | Saret analiżi ta' l-allokazzjoni finanzjarja li l-Kunsill Lokali irċieva għas-sena Jannar-Diċembru 2010. | Sindku Segretarjat |
| 11. 9. 2 | | Wille Piscopo: Traffic Signs | Wille Piscopo għarrfet lill-Kunsill li t-traffic signs li kienu ma' l-art fi Triq Delimara k/m Triq il-Kantur inġabru iżda ma reġgħux twaħħlu. Ġibdet ukoll l-attenzjoni dwar arrow traffic sign mgħawwġa fi Triq San Girgor k/m Triq Dejma. | Darmanin |
| 11. 9. 3 | | Hales: Ġnien il-Kmandant | Hales irraporta lill-Kunsill li Ġnien tal-Kmandant kellu jingħalaq minħabba l-vandaliżmu iżda ż-żgħażagħ xorta waħda qed jidħlu u jagħmlu l-vendikazzjonijiet. Is-Sindku issuġerixxa li jsir dawl bis-sensor fuq il-loġġa filwaqt li Hales talab li jsiru l-cameras. **Il-Kunsill qabel li għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet għal security cameras.** | Segretarjat |
| 11. 9. 4 | | Pace: Patching | Pace talab li jsir il-patching li nqala' fi Triq John Borg - il-parti li ma saritx. **Din it-talba ġiet milqugħa.** | Sindku Segretarjat |
| 11. 9. 5 | | Pace: Enforcement | Pace ġibed l-attenzjoni dwar is-sewqan eċċessiv speċjalment fil-weekends li jsir fi Triq il-Labour u Ġebel San Martin. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandha tintalab l-għajnuna tal-pulizija.** | Pace |
| 11. 9. 6 | | Wille Piscopo: Playingfields | Wille Piscopo talbet sabiex issir manutenzjoni jew refurbishment tal-playfields ta' San Girgor. Is-Sindku spjega li l-Gvern nieda vot għal dan il-għan u l-Kunsill jagħmel ħiltu biex jibbenfika minn xi skema relatata. | Hales |
| 11. 9. 7 | | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li x-xogħol ta' kostruzzjoni ta' Ġnien Brejġu tlesta. Il-kisi ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-bankijiet kienu nxtraw diġa' filwaqt li d-dawl mhux ser jaqbżu l-Eur10,000, l-għajnuna li ngħata l-Kunsill minn skema. Fadal isir l-istencil paving ta' l-open spaces u l-passaġġi. Hemm il-ħsieb li dan ix-xogħol jingħalaq sa Mejju 2010. | Sindku Segretarjat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 9. | 8 | Pace: WIFI | Pace staqsa fhiex waslet l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar il-WIFI. Is-Segretarjat spjega li sa dil-ġimgħa stess il-Kunsill irċieva mill-Ministeru li l-applikazzjoni kienet għadha qegħda tiġi evalwata. | Pace<br>Segretarjat |
| 11. | 9. | 9 | Seychell: Konkors Letterarju | Seychell ħabbar it-titli tal-konkors letterarju liema kompetizzjoni tagħlaq nhar it-8 ta' Frar 2010: Rakkont bid-djalett Żejtuni, Fratellanzi fiż-Żejtun - il-bierah u llum, Iddeskrivi l-bini ta' l-Oratorju fl-aspett reliġjuż, artistiku u arkitettoniku, Tisbiħ ta' ġonna fiż-Żejtun u Il-Kappella tas-Sinjura. | Seychell |
| 11. | 9. | 10 | Seychell: Kunċert Annwali tal-Milied | Seychell fakkar lill-Kunsilliera fil-kunċert annwali tal-Milied li ser isir fid-29 ta' Diċembru fis-7pm fil-Knisja Parrokkjali. F'din l-attivita' wkoll jingħata l-premju għall-bandist tas-sena. | Seychell |
| 11. | 9. | 11 | Pace: Direttur tal-Ħabs | Pace spjega li d-Direttur tal-ħabs Brian Zammit ikkonferma li l-iskema ta' ħabsin li jaħdmu fil-lokalita' tista' tkun implimentata fiż-Żejtun ukoll. L-unika problema hi li xi ħadd irid imur għalihom u jeħodhom lura wara x-xogħol. Nitkellmu mal-Kunsillier Darmanin. | Pace<br>Viċi-Sindku |
| 11. | 9. | 12 | Sindku: ETC Working Scheme | Is-Sindku talab sabiex tinkiteb ittra lill-ETC dwar ż-żewġ persuni li kellhom jibgħatu minflok dawk li ma ġewx aktar għax-xogħol skond l-iskema ta' l-ETC. | Segretarjat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.20pm. Laqgħa oħra ser issir f'Jannar 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv